MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2010

Numru 659/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen Mallia)**
**vs**

**CARMEL SPITERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Carmel Spiteri ta’ 46 sena, iben Joseph u Stella nee’ Schembri, imwieled fil-Pieta’, fil-31 ta’ Mejju 1961 u li joqghod fil-fond Block ‘D’, Flat 1, Triq Bertha K. Illig Ta’ Giorni, limiti ta’ San Giljan. Karta ta’ l-Identita Numru **387261M.**

**Billi gie akkuzat talli:**

1. Fit-18 ta' Marzu 2007 u fix-xhur u gimghat ta' qabel, f'diversi nhawi f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, ndahal biex ibieghhom jew imexxihom, u cioe' tinda 'hard top' li tappartjeni vettura tal-marka **Toyota Hilux** bin-numru tar-registrazzjoni **KSF 777**, liema vettura giet rapurtata misruqa;

2. **U talli:** fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, malli sar jaf li xi haga li kienet fil-pussess tieghu kienet haga misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqas li jgharraf lill-Pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta hekk sar jaf;

3. **U talli:** fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b'xi mod li jkun, baghbas, nehha, biddel jew ghamel numru ta' l-identifikazzjoni ta' chassis jew makna ta', jew fuq, vettura bil-mutur, u cioe' numru tal-makna jaqra' **'3L2522931'** fuq makna tal-marka Toyota imwahhla fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni **HAP 463;**

4. **U talli:** sar recidiv ai' termini tal-Artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, tordna wkoll l-konfiska tal-vettura li ggib in-numru tar-registrazzjoni **HAP 463**

(334, 334A, 298D, 49, 23, Kap. 9.)

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. SM3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Illi fost l-akkuzi addebitati lill-imputat Carmel Spiteri f'din il-kawza hemm l-akkuza ta' ricettazzjoni li tikkoncerna 'hard top' li allegatament jappartjeni vettura tal-marka Toyota Hilux bin-numru tar-registrazzjoni KSF 777, liema vettura hija rappurtata misruqa.

Rigward din l-akkuza ta' ricettazzjoni il-Qorti sejra hawn taghmel referenza ghal bran mid-deposizzjoni ta' Christopher Darmanin li fis-Seduta tad-19 ta' Novembru, 2007, inter alia, qal:

"Ghan-nom ta' l-ADT jiena gejt mitlub biex naghmel verifika rigwardanti vettura KSF 777 tal-marka Toyota u minn verifiki li ghamilt jiena personalment jirrizulta li <u>din il-vettura hija registrata f'isem Carmel E Sant Fournier id number 679242M u ilha hekk mill-15 ta' Jannar 1999 u ghadha hekk sal-lum.</u> Inzid nghid li din il-vettura din kienet <u>giet rapurtata misruqa fis-19 ta' Settembru, 2006 u ghadha hekk sal-lum.</u>" (Sottolinjar tal-Qorti).

Issa issir referenza ghal brani mid-deposizzjoni ta' Carmel Sant Fournier li fis-Seduta tal-20 ta' Mejju, 2008, inter alia, qal:

"Jiena technician fuq it-televisions u nsewwi t-television ma' Malta kollha. Jiena kelli l-vettura tieghi registration number KSF 777 tal-marka Toyota Hilux kulur ahmar." "……………………………………" "Inzid nghid li f'Settembru tas-sena 2006 kont qieghed ipparkjat f'San Gwann. U nghid illi bejn l-erbgha ta' wara nofsinhar u s-sitta ta' wara nofsinhar jiena hrigt u ma sibtx il-vettura tieghi hemmhekk. Jiena ghamilt rapport gewwa l-Ghassa

tad-Distrett ta’ San Giljan.” “…………………………………………………….. …………………..” “Wara xi xhur, insejt kemm, wara li jien rrapurtajt il-vettura tieghi nieqsa rcevejt telefonata fejn gejt mitlub biex immur id-Depot.

Nghid illi imbaghad l-Ispettur Mallia jiena urieni vettura u qalli biex jiena nkun nista’ nezamina ha nara din il-vettura. Dini l-vettura kienet tixbah il-vettura tieghu u nnutajt fuq din il-vettura kien hemm il-hard top ta’ wara ta’ din il-vettura li kien jappartjeni lili. Jiena kont f’posizzjoni li nista’ nidentifika. Fil-fatt dina l-hard top kellha daqqa li meta kienet giet installata fil-fabbrika kien hemm daqqa li baqghet tidher u kien hemm ukoll daqqa ohra fuq it-top u precizament allura fuq is-saqaf u li din allura kienet marka li jiena stajt niddentifikaha. Din il-vettura dwar il-hard top li kellha, kellha dawn id-daqqiet li semmejt u jien gharafthom. Nghid ukoll illi l-hard top illi kellha l-lock tal-bieba fuq wara dina kellha s-serratura li kienet giet mibdula.” “…………………” “Naghmel referenza senjatament ghal fol 29 tal-process li dana huwa parti minn dan is-sett ta’ ritratti esebiti bhala Dok MSP 4 u rigwardanti dawn iz-zewg ritratti naghmel referenza ghas-sadid u girfa li hemm fuq il-hard top.

Nghid in kwantu ghal girfa li hemm fuq wiehed mir-ritratti, dina l-girfa kienet dejjem hemmhekk fuq dana l-hard top tieghi. Fil-fatt harget hekk mill-fabbrika. U l-girfa qeghda fuq il-lastiku. In kwantu ghas-sadid li hemm ukoll kien qabel ma’ dina l-vettura li kienet insterqitli, u nghid illi fil-fatt dan is-sadid kien trabba f’perjodu li jien kont qed nistenna biex nircievi xi spare parts.

Naghmel referenza a fol 32 tal-process u nghid illi fuq wiehed mir-ritratti jidher u dana ritratt li huwa dettal jidher id-daqqa fuq is-saqaf tal-hard top tal-vettura tieghi li jidher car. Dana jidher car dina d-daqqa u kienet hemm dina qabel meta kienet l-vettura ghandi. Dana l-istess dettal jidher ukoll a fol 33 tal-process. Nghid dina d-daqqa li qed naghmel referenza issa ghaliha qeghda fuq is-saqaf u mill-livell ta’ l-art wiehed ma jkunx jista’ jaraha. Jiena kont naf biha din id-daqqa ghaliex din il-vettura kwazi kuljum

kont nahsilha u nimsaha. Nghid illi t-tinda kienet extra ma' meta jiena xtrajt il-vettura u l-valur tat-tinda wehedha kien sitt mija u hamsin liri Maltin u kont ili li xtrajtha xi tliet snin qabel ma l-vettura insterqitli. Dina l-hard top kont xtrajtha minghand ir-Regina Auto Dealer tal-Marsa u kien tar-Regina Auto Dealer illi jisprejja hu stess u jpoggiha f'postha. In kwantu ghal punt li ghidt originali, l-marka li kien hemm originali tal-fabbrika hija dika li hemm fuq il-lastiku li rreferejt ghaliha.

Nghid fil-vettura li jiena imbaghad spezzjonajt gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija nnutajt illi fl-intern kien hemm inspection lamp u kien hemm spark qisu bhal lanza li kien hemm ma' l-inspection lamp. Nghid illi dana l-ispag u l-inspection lamp kienu fil-van tieghi. Dawn l-oggetti jidhru a fol. 33 tal-process. Nghid illi jiena minhabba x-xoghol tieghi, tliet kwarti minn hajti kont nghix fil-vettura tieghi. Kont nimsaha u nnadafha kuljum tista' tghid u ghaldaqstant jiena cert illi l-hard top kien tieghi." "…………………… …….'' "Nghid illi l-hard top minn tar-Regina Auto Dealers kienet giet sprejjata hamra." (Sottolinjar tal-Qorti).

Hawn il-Qorti taghmel referenza ghal brani mid-deposizzjoni tax-xhud Mario Micallef li fis-Seduta tal-20 ta' Mejju, 2008, inter alia, qal:

"Jiena kont gejt imsejjah id-Depot biex nara vettura. Din kienet vettura Toyota Van ta' kulur ahmar. Jiena nahdem bhala sprayer ma' Regina Auto Dealer u saqsewni dwar l-ispray hard top li kien hemm ma' din il-vettura jekk ghamiltux jien. U jiena gharaftu bhala l-ispray kont ghamiltu jien. Nghid illi jien l-hard top kont ukoll installajtu pero' ma kontx installajtu fuq il-van illi kien hemm id-depot. Nghid illi qabel din il-hard top kien kulur abjad. Jiena imbaghad zbajtu ahmar metallic u l-kulur huwa 3K4. qed nigi muri Dok MSP 4 a fol 28 et seq tal-process. Nghid f'dawna r-ritratti qed naghraf il-van bil-hard top li jiena kont rajt id-Depot. Nghid jiena meta kont qieghed nisprejja l-hard top jiena ghamilt, rikkibt it-tape fuq iz-zebgha l-bajda u meta mbaghad jiena nehhejt it-tape baqa' jidher kemm kemm l-abjad. Nghid illi l-pozizzjoni

fejn wahhalt l-istickers jidhru l-istess fuq dana l-hard top.” “………………………………..………” “Jiena cert li jiena l-hard top li kienet sprejjatha bajda u li mbaghad sprejjatha hamra hija l-istess hard top li rajt fir-ritratt li ghamilt referenza ghalihom llum.” (Sottolinjar tal-Qorti).

F’dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghal segwenti bran mill-Istqarrija tal-imputat Carmel Spiteri li kien irrilaxxa fit-18 ta’ Marzu 2007 (Dok. MSP2):

“M. Bhal ma ga infurmajnik, irrizultalna li s-saqaf tal-kaxxa ta’wara li ghandek fuq il-Hilux HAP 463 hi ta’ Toyota simili li kien gie misruq minn San Gwann bic-cwievet go fih fis-17 ta’ Settembru 2006. Xi tghid ghal dan?

T. Mhux jien sraqtu zgur.

M. Tista tghidli minn fejn akkwistajt u fejn wahhalt dan is-saqaf?

T. Dan kont xtrajtu madwar tlett snin u nofs ilu jew aktar minghand wiehed li naf li jismu Brian u li kont iltqajt mieghu meta kont ghall-kacca Bahar ic-Caghaq. Mistoqsi, nghid li ma kontx nafu qabel. Qbadna inparlaw u wara konna ftihmna. Mistoqsi minn fejn mort gbart dan is-saqaf nghid li ma niftakarx ezatt.

M. Kemm hallast ghalih dan is-saqaf?

T. Tlett mitt Lira maltin, u hallastu cash.

M. Tak ircevuta?

T. Le.

M. Min wahhalulek fuq il-Hilux dan is-saqaf?

T. Wahhalnieh jien u Andy u jista’ jkun kien hemm haddiehor, ghandi stess fil-bitha.”

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghal bran mid-deposizzjoni li l-imputat Carmel Spiteri taha minn jeddu, fis-Seduta tat-3 ta’ Marzu, 2009, fejn l-imputat, inter alia, qal:

“………………………………………………………” “Nghid illi jiena dik it-tinda kont xtrajtha second hand. Nghid illi jiena dina t-tinda bhala gdida kienet tiswa xi haga fuq il-hames mitt (500) Lira. Jiena kont xtrajtha second hand bil-prezz ta’ tliet mitt (300) Lira Maltin u kelli wkoll nonfoq sittin (60) Lira Maltin biex nisprejaha.” (Sottolinjar tal-Qorti).

F’dan l-istadju il-Qorti sejra taghmel referenza ghal xi gurisprudenza li hi relevanti ghal kaz de quo:

(i) Fis-Sentenza “Il-Pulizija vs George Schembri” – Qorti ta’ l-Appell Kriminali – 30/04/1992 gie ritenut illi min jakkwista oggett f’cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima u intant ma ghamel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, hu hati ta’ ricettazzjoni.

(ii) Fis-Sentenza “Il-Pulizija vs Tancred Borg” – Qorti ta’ l-Appell Kriminali – 26/10/1998 gie ritenut illi l-element importanti f’dan ir-reat huwa ix-‘scienter’. Il-gurisprudenza ghallmet illi l-kelma ‘xjentement’ ma tfissirx semplicement li l-agent ikun konxju li qed izomm fil-pussess tieghu xi oggett partikolari, izda tfisser li hu kien jaf, jew messu regonevolment fic-cirkostanzi kien jaf, li l-oggett seta’ kien gej minn serq. Mhux rikjesti xi motiv ulterjuri jew xi intenzjoni specifika. Li wiehed ikollu suspett ta’ xi irregolarita’ jew addirittura taghrif dwar provenjenza ta’ certu oggetti u intenzjonalment jieqaf milli jindaga ulterjorment, hija prova konklussiva dwar l-element intenzjonali tar-reat ta’ ricettazzjoni.

(iii) Fis-Sentenza “Il-Pulizija vs John Dimech” – Qorti ta’ l-Appell Kriminali – 24/06/1961 gie ritenut illi meta l-persuna li tircievi oggett ikollha suspett, anzi tkun tahseb li l-persuna li tatha dak l-oggett minghajr ma taghmel xejn biex taccerta li l-pussess ta’ dik il-persuna l-ohra kien legittimu, u mhux kif kienet tahseb hi, allura hemm l-

element tax-'scienter' rikjest ghall-integrazzjoni tar-reat ta' ricettazzjoni.
(iv) Hawn issir referenza ghas-segwenti bran mis-Sentenza "Il-Pulizija (Spt. M. Mallia) Vs Darren Debono" Qorti ta' l-Appell Kriminali – 15/1/2009:

"Illi skond il-gurisprudenza sabiex persuna tinstab hatja ta' ricettazzjoni hu mehtieg li jikkonkorru is-segwenti tlitt rekwiziti u cioe':

1. il-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni ossia li jkun insteraq, jew gie mehud b'qerq jew akkwistat b'reat iehor;
2. l-akkuzat irid ikun laqa' ghandu jew xtara tali oggett li ghandu provenjenza llegittima w
3. fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni (ara App. Krim **"Il-Pulizija vs. Bugelli"** [24.1.1942]; **"Il-Pulizija vs. Giovanni Grima"** [25.10.2002])

L-element formali ta' dan ir-reat hu li l-akkuzat kien konsapevoli tal- provenjenza illecita tal-oggett suggett tar-ricettazzjoni. Dan ir-rekwizit jista' jigi pruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi indizjarji. Hekk fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. John Briguglio"** [24.6.1961] (per Harding J.) kien gie ritenut li :-
"Minn jakkwista oggett taht cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u ntant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u jaghalaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza u kwindi ta' ricettazzjoni."

Gie ukoll ritenut li dan l-element formali tar-reat in dizamina ikun jissussisti anki jekk l-akkuzat ikun irceva jew xtara l-oggett fil-waqt li jkollu jew inkella imissu kellu suspett li l-persuna li taghtu dak l-oggett setghet giet f'pussess ta' dak l-oggett b'mod illecitu w b'dana kollu xorta jilqa' ghandu jew jixtri tali oggett minghajr ma jaghmel xejn biex jivverifika u jaccerta ruhu li l-pussess ta' dik il-persuna l-ohra kien wiehed legittimu u mhux kif kien qed jissusspetta hu. (ara App. Krim. **"Il-Pulizija vs. J.**

**Briguglio” [**24.6.1961]; **“Il-Pulizija vs. John Dimech”** [24.6.1961] **“Il-Pulizija vs. George Tabone”** [24.6.1961] u **“Il-Pulizija vs. Tancred Borg”** [26.10.1998])

S’intendi ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali. (Ara App. Krim. **“Il-Pulizija vs. Joseph Piscopo”** [21.3.1953]; **“Il-Pulizija vs. Nazzarenu Zarb”** [16.12.1998] u ohrajn)

Kif jghid il-KENNY :

“The knowledge : The prisoner must have received the stolen goods with knowledge then of their having been stolen.. Such knowledge may be presumed prima facie if he knew of circumstances so suspicious as to convince any reasonable man that the goods had been stolen – e.g. …when an unlikely vendor offers them for an unlikely price … His subsequent conduct may be evidence of such knowledge – e.g. .. selling them surreptitiously … or making no written entry of having bought them.”

Illi kif qalet din il-Qorti diversament preseduta (per V. De Gaetano J., fl-Appell Kriminali : “**Il-Pulizija vs. Emanuel Seisun et**.” [26.8.1998]); it-teorija Ingliza “of unlawful possession of recently stolen goods” issib ukoll applikazzjoni fis-sistema legali taghna, ghax in tema ta’ “law of evidence” il-gurisprudenza taghna ssegwi hafna dik Ingliza. Din it-teorija ma hi xejn hlief l-applikazzjoni tal-boun sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw pruvati, fis-sens li meta jigu ppruvati certi fatti, dawn jistghu wehedhom iwasslu ragjonevolment ghall-konkluzzjoni li persuna partikolari tkun hatja tar-reat ta’ serq tal-oggetti misjuba ghandha jew, skond ic-cirkostanzi, tar-reat ta’ ricettazzjoni ta’ dawk l-oggetti.

F’ dik is-sentenza din il-Qorti ccitat mill-**Archbold** : Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1997, paras. 21-125, 21-126):-

“In R. v. Smythe, 72 Cr. App. R. & C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is

a material consideration only in cases of handling: it adopted the following passage from **Cross on Evidence** , 5th. ed., p.49 (now 8th. ed.., p.35): "if someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen …. The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury is satisfied that the explanation he does offer is untrue."

"Every case depends on its own facts. ….It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence." (ara ukoll f'dan is-sens **: "Il-Pulizija vs. Carmel Debono"** [1.11.1996], **"Il-Pulizija vs. Richard Spiteri"** [31.8.2006] u ohrajn."

Issa l-Qorti sejra taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet rigward l-akkuza ta' ricettazzjoni migjuba kontra l-imputat Carmel Spiteri:

(1): Illi jirrizulta ampjament ippruvat mill-provi prodotti li l-element materjali tar-reat in disamina jissussisti u cioe' li l-hard top mwahhal fuq il-vettura HAP 463 kien gie riportat misruq meta dan il-hard top kien jifforma parti integrali mill-vettura Reg. Nru KSF 777 liema vettura kienet giet rappurtata lill-Pulizija minn sidha bhala misruqa. F'dan ir-

rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-brani mid-deposizzjoni tax-xhud Carmel Sant Fournier fis-Seduta tal-20 ta’ Mejju, 2008 kif riportati aktar qabel f’din is-Sentenza. L-imsemmi xhud semma ic-cirkostanzi ta’ meta nsterqitlu l-vettura KSF 777 (li gie ippruvat li din kienet registrata f’ismu – Ara Deposizzjoni ta’ Christopher Darmanin Seduta tal-9/11/2007), li hu ghamel rapport l-ghassa tal-Pulizija u b’mod akkurat semma ‘features’ li juru li hu gharaf li l-hard top li ra ghand il-Pulizija kien effettivament jappartjenu lilu u li kien insteraqlu fic-cirkostanzi, lok u data li jsemmi l-istess Sant Fournier fid-deposizzjoni tieghu hawn fuq riferita.

Din id-deposizzjoni hi wkoll imsahha bid-deposizzjoni tax-xhud Mario Micallef Seduta tal-20/5/2008 – (Ara l-brani ta’din id-deposizzjoni riprodotti aktar qabel f’din is-Sentenza).

(2) Rigward l-element formali tar-reat ta’ ricettazzjoni addebitat lill-imsemmi imputat il-Qorti fl-ewwel lok tirrrileva li nkwantu ghall-prezz tal-hard top, ix-xhud Carmel Sant Fournier (Seduta tal-20/5/2008) jghid li l-valur tat-tinda wahedha kien sitt mija u hamsin liri Maltin mentri l-imputat (Seduta tal-3/3/2009) jghid illi din it-tinda bhala gdida tiswa xi haga fuq il-hames mitt (500) lira u hu kien xtraha second hand bil-prezz ta’ tliet mitt (300) Lira Maltin.

Difatti fit-tieni Stqarrija tieghu (Dok MSP2), liema Stqarrija l-imputat ikkonfermaha bil-gurament fid-deposizzjoni tieghu tat-3/3/2009, l-imputat jghid li kien xtara dan is-saqaf madwar tlett snin u nofs ilu jew aktar (data Stqarrija18/3/2007) minghand wiehed li jaf li jismu Brian u li kien iltaqa mieghu meta kien il-kacca Bahar ic-Caghaq u li ma kienx jafu qabel. L-mputat qal ukoll li qabdu iparlaw u wara kienu ftehmu. Mistoqsi minn fejn gabar dan is-saqaf qal li ma jiftakarx ezatt. Mistoqsi kemm hallas qal li tlett mitt Lira Maltin u hallsu cash u jekk kienx inghata ricevuta irrisponda li le.

Issa il-Qorti hawn thoss li ghandha tirrimarka li in-natura tal-oggett in disamina hu hard top ta’ van. In-natura stess

tal-oggett u cioe' parti minn vettura iqabbdek certu suspett li tara qabel tixtri li issaqsi certu domandi u tiehu certu prekawzjonijiet qabel tixtrieh. Pero' hawn l-imputat xtara minghand persuna li kull ma jaf dwaru jidher li hu certu Brian, hallsu cash u allura lanqas hemm talinqas ic-cheque imsarraf li jista juri certu dettalji bhad-data u xi particulars ta' dan Brian e.g. karta tal-identita' numru u inoltre lanqas biss inghata ricevuta. Di piu l-imputat ma jiftakarx ezatt minn fejn mar gabar dan is-saqaf. Pero imbaghad isemmi id-data ta' meta xtara dan is-saqaf bhala xi tlett snin u nofs jew aktar qabel id-data tat-tieni stqarrija tieghu u ghalhekk qabel ma kien gie rapurtat misruq il-van Reg. Nru. KSF 777 li mieghu kien hemm il-hard top in kontesa.

Certament mis-suespost jemergi li l-imputat f'cirkostanzi li fihom missu issuspetta li dan l-oggett kellu provenjenza illegittima u intant ma ghamel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza.

Ghaldaqstant il-Qorti hi sodisfatta li anke l-element formali tar-reat ta' ricettazzjoni gie sodisfacentement ippruvat.

Konsegwentement fil-fehma tal-Qorti l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat Carmel Spiteri li tirrigwarda ir-reat ta' ricettazzjoni tirrizulta b'mod sodisfacenti.

Rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-istess imputat li tinkwadra ruhha fl-artikolu 334A tal-Kap. 9 il-Qorti hi tal-fehma li minn ezami tal-kumpless tal-provi tenut kont senjatament dak riportat aktar qabel f'din is-Sentenza rigward l-akkuza ta' ricettezzjoni addebitata lill-imputat tali tieni akkuza wkoll tirrizulta sodisfacentement ippruvata.

Rigward it-tielet akkuza migjuba kontra l-imputat Carmel Spiteri liema akkuza tinkwadra ruhha fl-artikolu 298D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti hi tal-fehma li mill-kumpless tal-provi prodotti il-Prosekuzzjoni naqset li tipprova b'mod sodisfacenti sal-grad rikjest mill-ligi din l-akkuza kif dedotta kontra l-imputat u ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara li l-imputat ghandu jigi liberat minn din it-tielet akkuza.

Rigward ir-raba' akkuza migjuba kontra l-imputat Carmel Spiteri li tirrigwarda recidiva ai terminu tal-artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza giet sodisfacentement ippruvata. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal Dok. MSP 7 (vera kopja fotostatika ta' Sentenza – Ara fol. 37 sa fol. 47 tal-Process). Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-Verbal tas-Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2008 fejn Dr. Edward Gatt ghall-imputat ezenta lill-Prosekuzzjoni milli ttella' bhala xhieda tal-identita' lis-Supretendent Antonello Grech u lill-Ispettur Pierre Micallef Grimaud rigward is-Sentenza li kopja taghha hija esebita fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok MSP 7 u li tinsab minn fol. 37 sa fol. 49 tal-Process u iddikjara li l-imputat Carmel Spiteri fl-imsemmija Sentenza huwa l-istess imputat Carmel Spiteri presenti fl-Awla fil-kawza odierna.

Rigward ir-raba' akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat li tirrigwarda recidiva tosserva li din l-akkuza nghatat ai Termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 17, 31, 49, 334(a), 261(c) u (g), 267, 271(g), 279(a), 280(1), 281(a) u 334A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-dawl tas-suespost issib lill-imputat Carmel Spiteri hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tielet akkuza li tinkwadra ruhha fl-artikolu 298D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat Carmel Spiteri ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u tmien mija u hamsin Euro (Euro 850) multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma' ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Carmel Spiteri jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward it-tielet (3) akkuza migjuba kontra l-imputat Carmel Spiteri li tinkwadra ruhha fl-artikolu 298D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fid-dawl ta' dak rilevat qabel f'din is-

Sentenza dwar din l-imsemmija tielet (3) akkuza tillibera lill-imputat Carmel Spiteri minn din it-tielet (3) akkuza migjuba kontra tieghu stante li ma tirrizultax sufficjentement ippruvata.

Rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika sabiex il-Qorti f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, tordna l-konfiska tal-vettura li ggib in-numru tar-registrazzjoni HAP 463, il-Qorti taghmel referenza ghal bran mid-deposizzjoni ta' Christopher Darmanin moghtija fis-Seduta tad-9 ta' Novembru, 2007 fejn dan ix-xhud, inter alia, qal:

"Gejt mitlub ukoll naghmel verifiki fuq vettura registration HAP 463 tal-marka Toyota Hilux …………… u nghid in kwantu ghal din il-vettura HAP 463 mill-verifiki li ghamilt jirrizulta illi hija registrata f'isem Joseph Spiteri karta ta' identita' numru 649336M u ilha registrata f'isem din il-persuna mis-7 ta' Dicembru ta' l-1999 u ghadha hekk sal-lum."

Il-Qorti taghmel referenza ukoll ghal bran mill-Istqarrija tal-imputat datata 18 ta' Marzu, 2007 (Dok. MSP 2) fejn jinghad is-segwenti:

"M. Tista tghidli kif dan il-Hilux hu registrat fuq isem missierek meta int ghidt li dan kont xtrajtu u taghmel uzu minnu int biss?

T. Ghax kienu ghenuni huma, cioe' ommi u missieri u barra minni tuzah kemm binti u anke l-gharus taghha Noel. Anka Andy gieli uzah."

Il-Qorti taghmel referenza ukoll ghal bran mill-kontro-ezami tal-imputat Carmel Spiteri (Seduta tat-3 ta' Marzu, 2009) fejn l-imputat, inter alia, qal:

"Nixtieq nghid in kwantu ghal van Hilux illi jinsab esebit fl-atti ta' din il-kawza formalment bhala Dok. MSP 6 huwa registrat f'isem missieri li huwa bniedem anzjan. Nghid illi dana l-Hilux missieri gieli saqu, nghid illi fil-maggoranza ta' drabi dana l-Hilux jiena soqtu."

Hawn il-Qorti taghmel referenza ghas-sub-artikolu 23(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li jghid: “23.(1) Il-konfiska tal- *corpus delicti*, ta’ l-istrumenti li servew jew li kien mahsub li jservi sabiex isir id-delitt, u ta’ kull ma jkun gie miksub bid-delitt, hija konsegwenza tal-piena stabbilita mil-ligi ghad-delitt ukoll jekk dik il-konfiska ma’ tkunx espressament imsemmija fil-ligi, barra minn meta persuna li ma tkunx hadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq dawk l-oggetti.” (Sottolinjar tal-Qorti).

Fid-dawl ta’ dak li xehed Christopher Darmanin dwar il-vettura Reg. Nru. HAP 463 kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza u ghal kull dritt li jista’ jispetta lil Carmel Sant Fournier (ID. Nru. 679242M) rigward il “hard top” li presentament jinsab imwahhal fuq il-vettura Reg. Nru. HAP 463, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni fit-Tahrika nkwantu sabiex il-Qorti tordna l-konfiska tal-vettura li ggib in-numru tar-registrazzjoni HAP 463. Tirrileva li din il-vettura Reg. Nru. HAP 463 tinsab esebita formalment fl-atti ta’ din il-kawza bhala Dok. MSP 6.

Inoltre il-Qorti qed taghti lill-imputat Carmel Spiteri l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti tattira l-attenzjoni tar-Registratur tal-Qrati ghall-obbligu tieghu taht l-artikolu 28A(8) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghal dan il-fini tordna notifika b’kopja ta’ din is-Sentenza lir-Registratur tal-Qrati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------